MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Citazzjoni Numru. 1321/1996/1

**Dr Renato Cefai għan-nom u in rappreżentanza bħala prokuratur speċjali ta' *Tarros International s.p.a.* illum magħrufa *Tarros s.p.a.***

***Versus***

***Valletta Freight Services Ltd***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob l-esekuzzjoni ta' *lodo* arbitrali mogħti minn arbitri barra minn Malta; is-soċjetà konvenuta għamlet kontro-talba għax qiegħda tgħid illi l-*lodo* ma jiswiex billi l-proċeduri quddiem l-arbitri ma sarux sew.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fil-25 ta' Lulju 1991 il-partijiet kienu daħlu f'*liner agency agreement* dwar xogħol ta' aġenzija. Il-ftehim kien li l-kuntratt kellu jkun regolat mil-liġi taljana, u kull kontroversja bejn il-partijiet kellha tinqata' b'arbitraġġ

f'Montecarlo taħt ir-regoli tax-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco.*

Fil-kors ta' l-esekuzzjoni tal-kuntratt il-konvenuta kellha tagħti lill-attriċi, b'kollox, mija u tmienja u erbgħin elf seba' mija u seba' liri ta' Malta u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm148,707.42). Bejn il-partijiet inqalgħu kwistjonijiet dwar l-esekuzzjoni tal-kuntratt u dwar ħlasijiet, u dawn il-kwistjonijiet tqiegħdu quddiem it-tribunal arbitrali skond il-ftehim u r-regoli tat-tribunal.

F'*lodo* mogħti fid-29 ta' Jannar 1996 it-tribunal qatagħha li l-konvenuta kellha tħallas lill-attriċi, wara tpaċija, il-bilanċ ta' sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28), kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' l-arbitraġġ li telgħu għal sbatax-il elf u ħames mitt frank franċiż (FF 17,500).

Billi l-konvenuta baqgħet ma ħallset xejn, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi din il-qorti:

1. tgħid illi jista' jiġi esegwit f'Malta il-*lodo* arbitrali mogħti mix-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco* fid-29 ta' Jannar 1996;
2. tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi l-bilanċ ta' sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28); u
3. tikkundanna lill-konvenuta tħallas ukoll daqs kemm jiswew fi flus maltin nofs l-ispejjeż ta' l-arbitraġġ li telgħu għal sbatax-il elf u ħames mitt frank franċiż (FF 17,500).

Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħax minn dak in-nhar li kellu jsir il-ħlas.

Il-konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet[1]:

1. il-*lodo* ma jaqbilx mal-*public policy* ta' Malta għax id-deċiżjoni nkisbet b'qerq jew korruzzjoni, u fil-kitba tad-deċiżjoni kif ukoll fil-proċeduri quddiem it-tribunal ta' Monaco ma tħarsux ir-regoli tal-ġustizzja naturali;
2. il-*lodo* ma għandux jingħata għarfien u esekuzzjoni minn din il-qorti għax: (i) il-parti tal-ftehim li ħolqot l-arbitraġġ ma tiswiex billi l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat; (ii) il-konvenuta ma ngħatatx żmien biżżejjed biex tħejji l-każ tagħha; (iii) il-*lodo* fih deċiżjonijiet *extra petita* li jmorru lil hemm mill-għan ta' l-arbitraġġ; u (iv) ma

1 *Fol.* 84.

ngħatatx deċiżjoni dwar l-oġġezzjoni tal-konvenuta li l-*forum* tat-tilwima kellha tkun il-qorti ta' Malta; u

3. ma hux minnu li l-konvenuta għandha tagħti daqskemm huwa mitlub fit-tieni talba, iżda għandha tagħti biss sitt elef mitejn u wieħed u disgħin lira u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm6,291.91).

Il-konvenuta resqet ukoll kontro-talba. Fissret illi l-*lodo* mogħti mix-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco* fid-29 ta' Jannar 1996 imur kontra l-*public policy* ta' Malta billi ma tħarsux il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, jekk ma kienx ukoll vizzjat b'qerq u korruzzjoni, għax ma ngħatatx qabel xejn deċiżjoni motivata dwar l-eċċezzjoni mressqa mill-konvenuta *in limine litis* li t-tribunal arbitrali ma kellux ġurisdizzjoni biex jisma' u jiddeċiedi l-każ, billi l-*forum* kellu jkun malti u l-liġi li tirregola l-vertenzi bejn il-partijiet kellha tkun il-liġi ta' Malta. Il-*lodo* fih ukoll deċiżjonijiet *ultra petita* u *extra petita* favur l-attriċi li jmorru lil hemm mill-għan ta' l-arbitraġġ u ma jiswiex ukoll għax il-konvenuta ma ngħatatx żmien biżżejjed kif meħtieġ biex tħejji l-każ u d-difiża tagħha. Għalhekk, tgħid il-konvenuta, il-*lodo* ma għandux jingħata għarfien u esekuzzjoni mill-qrati ta' Malta.

Kompliet tgħid ukoll li l-bilanċ li tassew għad għandha tagħti l-konvenuta huwa ta' sitt elef mitejn u wieħed u disgħin lira u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm6,291.91): il-bilanċ la hu ta' mija u tnejn u erbgħin elf, disa' mija u tmienja u għoxrin lira u tlieta u tletin ċenteżmu (Lm142,928.33) mitluba mill-attriċi quddiem it-tribunal; la dak ta' mija u tmienja u erbgħin elf seba' mija u seba' liri ta' Malta u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm148,707.42) determinat *ultra petita* u *extra petita* mit-tribunal; u lanqas il-bilanċ ta' sitta u sebgħin elf, erba' mija u tmintax-il lira ta' Malta u tmienja u għoxrin ċenteżmu (Lm76,418.28) determinat fil-*lodo* tat-tribunal.

Għalhekk il-konvenuta talbet illi din il-qorti:

1. tgħid li l-*lodo* mogħti mix-*Chambre Arbitrale Maritime de Monaco* fid-29 ta' Jannar 1996 ma għandux jingħata għarfien u esekuzzjoni minn din il-qorti, għar-raġunijiet mogħtija fil-premessi miġjuba fuq;

2. tgħid illi l-*forum* li għandu jisma' u jaqta' dwar vertenzi bejn il-partijiet huwa l-qorti ta' Malta, u li l-liġi li tgħodd għall-każ hija l-liġi ta' Malta, billi l-konvenuta hija soċjetà

reġistrata f'Malta, il-*liner agency agreement* kien iffirmat u esegwit f'Malta, il-fatti relevanti, ix-xiehda dwarhom, u d-dokumenti relativi jinsabu f'Malta, il-ftehim inkiteb bl-ingliż, li huwa wieħed miż-żewġ ilsna uffiċjali ta' Malta, u n-negozju kollu li dwaru nqalgħet it-tilwima seħħ f'Malta;

3. tgħid illi l-bilanċ li għandha tagħti l-konvenuta huwa ta' sitt elef mitejn u wieħed u disgħin lira u wieħed u disgħin ċenteżmu (Lm6,291.91), u mhux kif igħid il-*lodo*; u

4. tgħid ukoll illi l-konvenuta ma għandhiex tħallas l-ispejjeż tal-*lodo* jew xi parti minnhom.

Il-konvenuta talbet ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittri uffiċjali tal-20 ta' Mejju 1996 u tat-8 t'Awissu 1996.

Għall-kontro-talba, l-attriċi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-kontro-talba ma saritx sew u ma tiswiex, billi ma fiha "l-ebda talba separata u distinta mill-azzjoni ta' l-atturi", u billi "l-meritu ta' dik il-kontro-talba huwa kompriż kompletament fl-eċċezzjonijiet";

2. it-talba biex il-qorti tgħid illi l-konvenuta għandha tagħti somma anqas minn dik mitluba mill-attriċi hija żejda u saret għalxejn, għax hija "naturalment inkluża fit-talba għall-kundanna ta' ħlas pretiż mill-attur u dedotta in ġudizzju";

3. il-kwistjonijiet imqajma mill-konvenuta ma jistgħux ikunu ta' tfixkil għall-esekuzzjoni tal-*lodo*; u

4. il-*lodo* ma hux milqut mill-vizzji msemmija mill-konvenuta, u l-kwistjoni hija regolata mil-liġi magħżula mill-partijiet stess. It-tribunal arbitrali kien ukoll kompetenti biex jisma' u jaqta' dwar it-tilwima.

L-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta kienu miċħuda b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fl-20 ta' Marzu 2001, fejn huma wkoll imfissra l-fatti relevanti ta' dan il-każ. Is-soċjeta konvenuta appellat minn din is-sentenza li iżda kienet imwettqa b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Novembru 2006, li wara li ċaħdet l-appell bagħtet l-atti lura lil din il-qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

Waqt is-smigħ tal-kawża, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2008, il-partijiet għamlu dan il-verbal:

Il-meritu tat-tielet eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta u tat-tielet talba rikonvenzjonali jitratta meritu li ġie trattat u deċiż fil-proċeduri arbitrali ġewwa Monaco.

Fid-dawl ta' dan l-Av. Cassar Pullicino [għas-soċjetà

attriċi] joġġezzjona li jinġiebu provi fuq meritu ġà deċiż u ġà rifless fil-*lodo* arbitrali u talab lill-qorti li titratta u tiddeċiedi jekk l-eċċezzjoni hawn fuq riferita hix sostenibbli jew le billi mhux leċitu li jerġa' jinfetaħ il-meritu tal-proċeduri arbitrali fil-kawża odjerna fejn qed tintalab l-esekuzzjoni tal-istess *lodo* arbitrali.

L-Av. Galea Debono [għas-soċjetà konvenuta] twieġeb illi fl-ewwel lok għal din it-tielet eċċezzjoni u tielet … … … kontro-talba ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni bhal dik odjerna li ngħatat mis-soċjetà attriċi u għalhekk tali oġġezzjoni ma tistax titqajjem f'dan l-istadju daqshekk tardiv tal-kawża; illi fit-tieni lok din l-eċċezzjoni, li hija t-tielet raġuni valida għalfejn il-*lodo* arbitrali m'ghandux jiġi reż eżegwibbli, għandha tiġi trattata fil-meritu kif diġà sar fl-ewwel u fit-tieni eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjetà konvenuta; illi *di più* meta wieħed jaqbel illi dan il-meritu ġà ġie ttrattat waqt il-proceduri arbitrali, dan irid jigi ikkwalifikat fis-sens illi allavolja s-soċjetà konvenuta esebiet *statement* dwar dak illi kellha tħallas [lil] u titħallas mingħand is-soċjetà attriċi, dan ġie kważi għal kollox injorat u skartat fl-istess *lodo* u dan ikompli jsaħħaħ il-fatt illi qabel ma jiġi deċiż jekk il-*lodo* jistax jiġi reż eżegwibbli, din l-eċċezzjoni għandha tiġi ttrattata fl-intier tagħha u sussegwentement deċiża.

Billi l-qorti kienet tal-fehma illi kellu jiġi deċiż dan il-punt qabel ma jitkompla s-smigħ ordnat illi ssir trattazzjoni dwaru. Il-partijiet għamlu l-osservazzjonijiet tagħhom bil-miktub: is-soċjetà konvenuta b'nota tat-22 ta' Diċembru 2008 u s-soċjeta attriċi b'nota tas-6 ta' Frar 2009. Il-kawża ġiet imbagħad differita "għall-provvediment dwar l-istess kwistjoni u, jekk ikun il-każ, dwar it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta u t-tielet kontro-talba tagħha".

Kif ġà kellha okkażjoni tosserva fis-sentenza tal-20 ta' Marzu 2001, il-qorti terġa' ttenni illi "billi dawn il-proċeduri tallum ma humiex appell mil-*lodo*, ma hux il-każ li l-qorti tistħarreġ dwar il-meritu u dwar jekk il-konklużjonijiet tat-tribunal kinux tajbin jew le, jew jekk il-konklużjoni kinitx tkun oħra li kieku l-każ instema' mill-bidu quddiem din il-qorti".

Il-kwistjonijiet maqtugħa u deċiżi fil-*lodo* arbitrali huma magħluqa u għalxejn tinstema' xiehda dwar il-meritu ta'

dawk il-kwistjonijiet.  Ġà ġew ukoll minn din il-qorti u mill-Qorti tal-Appell miċħuda eċċezzjonijiet li jgħidu illi l-*lodo* ma għandux jingħata għarfien f'Malta u illi t-tribunal arbitrali ma kellux ġurisdizzjoni.  Huwa għalhekk deċiż finalment illi l-bilanċ li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas lil dik attriċi huwa daqskemm jingħad fil-*lodo* arbitrali u mhux daqskemm tippretendi l-konvenuta fit-tielet eċċezzjoni u fit-tielet kontro-talba tagħha.  Inutli għalhekk illi jkomplu jinstemgħu xiehda dwar dan;  fiċ-ċirkostanzi, l-insistenza tas-soċjeta konvenuta li tkompli tressaq xiehda dwar dan il-meritu hija x'aktarx vessatorja. Huwa daqstant ieħor ovvju illi t-tielet eċċezzjoni u t-tielet kontro-talba tas-soċjeta konvenuta għandhom jiġu miċħuda, ladarba ġà ngħatat deċiżjoni dwar il-meritu tagħhom fil-*lodo* arbitrali.

Il-qorti għalhekk tiċħad it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tiċħad ukoll it-tielet kontro-talba.  L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandha tħallashom is-soċjetà konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------